MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1333/2002

**Anthony Camilleri**

**vs.**

**Frances Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Novembru 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, l-attur issepara minn ma’ martu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-20 ta’ Lulju, 1988 li gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, kopja ta’ liema kuntratt qed jigi esebit bhala Dok. “A”;

Illi, skond il-kuntratt ta’ separazzjoni l-attur obbliga ruhu li jhallas lil martu ghaxar liri Maltin (Lm 10) bhala manteniment ghall-konvenuta u dan *ai termini* ta’ klawsola

5 ta' l-istess kuntratt u dan fiz-zmien meta kellu mpjieg fiss mal-Enemalta Corporation;

Illi, llum l-attur huwa pensjonat u jghix biss mill-pensjoni;

Illi, il-konvenuta tahdem bhala fattiga l-isptar Boffa u ghalhekk illum hija finanzjarjament indipendenti, kif ukoll tghix minn xi renti ukoll;

Illi, l-attur ghandu wkoll l-ispejjez tieghu u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

Illi, ghalhekk miz-zmien tal-kuntratt ta' separazzjoni kien hemm tibdil tac-cirkostanzi li jirrikjedu tibdil fil-kuntratt;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna, *in vista* ta' tibdil tac-cirkostanzi li jsir tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni, precizament f'klawsola 5 ta' l-istess kuntratt billi l-attur ma jibqax izjed obbligat li jhallas lill-konvenuta retta alimentari ta' ghaxar liri Maltin (Lm 10) fil-gimgha u minflok ikun hemm rinunzja reciproka tal-kontendenti ghal din ir-retta alimentari, filwaqt li fil-bqija tikkonferma l-kontenut tal-kuntratt;

2. Jew minflok jekk dina l-Onorabbli Qorti ma taqbilx, tordna li jitnaqqas dan l-ammont ta' manteniment u dan tenut kont tac-cirkostanzi.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 25 ta' Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur a fol 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-affidavits attrici datat 26 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbal tat-2 ta’ April 2003 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-ahhar darba ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’40 jum.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu Joseph Mangion u Adrian Attard (rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali). Il-Qorti nominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjaru biex jisma’ l-provi kollha tal-partijiet fil-mori ta’ dan id-differiment, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit.

Rat ix-xhieda ta’ Joseph Mangion u ta’ Adrian Attard, datati 18 ta’ Gunju 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia minn fol. 25 sa fol.26 tal-process.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-partijiet ghalqu l-provi quddiem l-Assistent Gudizzjaru.

Rat in-nota tal- Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia datata 24 ta’ Ottubru 2003 a fol. 28.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma pprezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-**attur Anthony Camilleri,** li gie prezentat permezz ta' nota datata 2 ta' Mejju 2003 a fol. 16 u 17 tal-process, fejn hu qal:-

*"Illi, jiena meta kont isseparajt minn mal-mara permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni ta' l-20 ta' Lulju 1988 redatt min-Nutar Dr. Pierre Falzon, kont nahdem mal-EneMalta Corporation u kelli paga ta' madwar mitejn lira (Lm200) fix-xahar. Jiena kont spiccjat mal-EneMalta f'Mejju s-sena l-ohra u l-paga tieghi kienet ta' madwar erba mitt lira (Lm 400.00) fix-xahar. Bhala rizultat jiena kont kapaci nhallas il-manteniment imsemmi fil-kuntratt hawn fuq indikat li kien ta' ghoxrin lira (Lm 20) fil-gimgha, li kien imqassam ghal (Lm 10) ghal marti Frances u hames liri (Lm 5) ghal kull wiehed mit-tfal tieghi;*

*Illi, illum it-tfal tieghi huma t-tnejn maggorenni u b'hekk ma nhallas il-hames liri ghal kull wiehed minnhom. Barra minhekk l-ebda wiehed mit-tfal jghixu mal-konvenuta Frances Camilleri. Jiena lit-tfal dejjem ghinthom u huma dejjem gew ghandi meta kellhom u anki llum ghandhom diffikulta. Nixtieq nghid li kien hemm okkazzjoni li l-konvenuta kienet kecciet lit-tifla taghna, Antionette Camilleri, mid-dar taghha. Kienet applikat ghal post minghand il-Gvern u meta giet assenjata appartament, hi ma kellhiex il-mezzi biex thallas ghalih. Sabiex ma titlifx l-opportunita' li kellha jien hrigt il-flus biex Antionette tixtri l-post. Bhala konsegwenza ta' dan kont infaqt il-flus li kont gemmajt matul iz-zmien;*

*Illi, jien qed nikri l-post tar-residenza tieghi, li huwa tliet mitt lira (Lm 300) fis-sena. Barra minhekk jien insofri minn psoriasis u b'hekk jiena ghandi l-ispejjez ta' medicini li jammontaw ghal madwar hames liri (Lm 5.00) fil-gimgha;*

*Illi, jiena hrigt ghall-pensjoni f'Mejju 2002 u b' hekk jiena bdejt nircievi l-pensjoni li jammonta ghal madwar mitejn u tlettax-il lira Maltin (Lm 213.00) fix-xahar. Dan huwa l-uniku dhul li ghandi w irrid nghix bih kompetament u ma nista naqa fuq xejn aktar. B'hekk jekk tispiccali l-pensjoni rrid nistenna ghac-cekk tal-pensjoni li jmiss;*

*Illi, dan huwa ferm differenti mis-sitwazzjoni tal-mara tieghi, Frances Camilleri. Hi tahdem bhala cleaner l-isptar boffa, Floriana u b'hekk ghandha dhul fiss kull xahar. Barra minhekk ghandha d-dhul minn kera ta' hanut tal-laham, li qieghed Hal Qormi, li kienet wierter minghand huha. Jiena sirt naf b'mod kunfidenzjali minn terzi li l-kera ta' dan il-hanut jammonta ghal hames liri (Lm 5) kuljum u b'hekk ghandha dhul addizzjonali ta' mija u hamsin lira (Lm 150.00) fix-xahar. Barra minhekk skond il-kuntratt tas-separazzjoni d-dar konjugali giet assenjat lilha bil-konsegwenza li hi ma thallasx kera ghall-post fejn qieghda toqghod;*

*Illi, jiena llum il-gurnata bl-ispejjez kollha li ghandi ma nistax nkompli nhallas il-maniteniment ta' ghaxar liri (Lm 10.00) fil-gimgha lil marti, meta hi l-anqas ghandha bzonnhom".*

## (II) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI

Illi din il-kawza saret mill-attur *stante* li qed jallega li ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 20 ta' Lulju 1988 pubblikat min-Nutar Dr. Pierre Falzon, hemm stipulat, fi klawsola 5 tal-istess li huwa ghandu jmantni lil martu bir-rata ta' Lm10 (ghaxar liri Maltin) fil-gimgha, huwa m'ghandux jigi kostrett ikompli jhallas tali rata ta' manteniment peress illi llum huwa pensjonant u wkoll il-konvenuta ghandha mpjieg, u ghalhekk hija finanzjarjament indipendenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur huwa llum pensjonant u jircievi pensjoni ta' cirka mitejn u tlettax-il lira (Lm213) fix-xahar, meta fiz-zmien tal-kuntratt kien impjegat mal-Enemalta Corporation u kellu ntrojtu ta' erba' mitt lira (Lm400) fix-xahar. Apparti dan jirrizulta illi l-konvenuta ghandha qliegh 'gross', almenu fis-sena 2002 ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u sittin lira u tnax il-centezmu (Lm4,865.12).

Illi ghalhekk l-attur jidher li qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegazzjoni li tbiddlu c-cirkostanzi llum ghal dawk li kienu jezistu fid-data tal-kuntratt, u ghalhekk qed

jippretendi li huwa ma jibqax tali alimenti minnu miftehma u wkoll li jkun hemm id-dikjarazzjoni li l-partijiet jirrinunzjaw reciprokament ghad-dritt tal-alimenti. Fin-nuqqas talab ukoll li l-ammont ta' manteniment jigi ridott.

Illi l-Qorti tinnota li l-partijiet resqu ghall-ftehim ta' separazzjoni konsenswali minn jeddhom u stabbilew ukoll il-kundizzjonijiet kollha ta' kif il-firda personali bejniethom kellha tigi regolata wara tali firda. Illi in partikolari giet maqbula rata ta' manteniment li kellhom jithallsu mill-attur kemm bhala manteniment ghal uliedhom u kemm bhala manteniment ghall-konvenuta, kollox skond klawsola 5 tal-istess kuntratt.

Illi huwa mportanti f'dan il-kaz li jigi nnutat li skond klawsola 7 tal-kuntratt l-istess partijiet *"jaghtu fakulta' lil xulxin, li jezecitaw ix-xoghol taghhom specjalment il-kompartenti Frances Camilleri tista' tezercita l-Kummerc".*

Illi dan ifisser li l-partijiet ikkontrattaw li tali manteniment li kellu jhallas l-attur versu l-konvenuta kien indipendenti mill-introjtu li seta' kellha, jew seta' jkollha l-konvenuta. u ghalhekk *in vista* tal-principju *"pacta sunt servanda"* t-talba attrici sabiex l-attur ma jibqax obbligat li jhallas tali manteniment hekk minnu patwit ma tistax tigi milqugha, peress li jidher car li r-rata ta' manteniment stabbilita kienet indipendenti minn kull introjtu li seta' jkollha l-istess konvenuta.

Illi fil-fatt fl-istess kuntratt ma hemm ebda dispozizzjoni li taghti dritt lill-attur sabiex jieqaf ihallas il-manteniment minnu accettat minhabba l-introjtu tal-konvenuta; kieku kien hemm tali ftehim jew inkella kieku l-attur kif qed jippretendi llum zamm id-dritt li tali manteniment jigi ridott jew imnehhi jekk il-konvenuta jkollha xi mpjieg, certament li kienet tigi nserita fl-istess kuntratt stipulazzjoni f'dak is-sens. Iadarba din hija mankanti, il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici fuq din il-bazi m'ghandhiex tigi milqugha *stante* li l-kuntratt iffirmat miz-zewg partijiet huwa ligi ghall-istess partijiet u ghandu hekk jigi osservat minnhom.

Illi dwar l-ewwel talba attrici u fejn l-attur qed jitkellem dwar *"rinunzja reciproka tal-kontendenti",* tali rinunzja ghandha tigi mill-parti, u ovvjament ladarba mill-istess atti ma jirrizultax li l-konvenuta b'xi mod irrinunzjat ghad-drittijiet taghha skond l-imsemmi kuntratt, din il-parti tal-ewwel talba ma tistax lanqas tigi milqugha.

Li fl-ahharnett l-attur jikkontendi li llum l-introjtu tieghu naqas *stante* li ghandu pensjoni ta' sitta u sittin lira Maltin, seba' centezmi u tmien millezmi (Lm66.07,8) fil-gimgha li minnhom jithallsu ghaxar liri fil-gimgha lill-konvenuta ghall-manteniment fuq imsemmi, hekk patwit fil-kuntratt ta' bejniethom.

Illi ghalkemm jirrizulta li l-introjtu tal-attur naqas minn dak li kellu meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, din il-Qorti thoss li d-dispozizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni dwar manteniment kienu u ghadhom veljanti, anke' minhabba r-ragunijiet fuq premessi, u ghalhekk kemm l-ewwel talba attrici u kemm it-tieni talba ghandhom jigu michuda. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma thossx li tali kambjament fl-introjtu tal-attur ghandu jwassal sabiex tigi milqugha jew l-ewwel talba jew it-tieni talba, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li ma jirrizultax li huma nfondati legalment.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------